MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Numru. 409/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Carmelo Spiteri**

**Kumpilazzjoni Nru: 409/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo Spiteri, ta’ 70 sena, bin Joseph u Manuela nee’ Bezzina, imwieled Zebbug Malta fil-05 ta’ Jannar, 1944 u residenti fil-fond numru 26 Michael, Triq il-Liedna, Fgura u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 29544(M).

Akkuzat talli nhar it-12 ta’ Settembru 2013, ghal habta tat-14:45 fi Triq id-Dejqa fil-Belt Valletta:-

1. Ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri l-valur ta’ €116.47 u ma tiskorriex l-€1,164.69, ghad-dannu ta’ Sydney Ellul Sulivan u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Akkuzat ukoll talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Sydney Ellul Sullivan f’periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta’ natura hafifa u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 221, 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjon li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi din il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar it-12 ta' Settembru 2013 f'Triq id-Dejqa il-Belt. Dak in-nhar l-imputat u l-kwerelant kienu mixjin f'din it-triq fid-direzzjoni opposta; meta gew biswit xulxin spiccaw f'l-idejn u kellhu jferraqhom xi hadd li dak il-hin kien fit-triq. Ghandu jinghad li d-disgwid bejn iz-zewg partijiet ilu ghaddej stante li l-imputat kien hassu offiz b'kliem li l-kwerelant kien qal fil-konfront tieghu. Jirrizulta ukoll li propju dak in-nhar, pero aktar kmieni fil-gurnata, kien hemm argument iehor zghir bejn il-partijiet meta ltqaghu b'kumbinazzjoni fi triq ohra fil-Belt.

Illi hemm provi kunfliggenti dwar kif beda l-incident mertu ta' dawn il-proceduri u cioe dak li sehh fi Triq id-Dejqa. Il-kwerelant jghid li kien l-imputat li minghajr ebda raguni u minghajr ma kien hemm diskors bejniethom, kisah u biered, qadab u tah daqqa ta' ponn. L-imputat da parti tieghu jghid li meta gew wicc 'mbwicc fi Triq id-Dejqa kien l-kwerelant li ghal xejn b'xejn qabad u tah daqqa ta' ponn u hu kemm imbotta lill-kwerelant biex jiddefendi lilu nnifsu.

Illi akar mminn hekk l-kwerelant jghid li bid-daqqa ta' ponn li tah l-imputat tajjarlu n-nuccali minn wiccu u baqa ma sabux u ghalhekk kellu jaghmel iehor. L-imputat pero jghid li l-kwerelant ma kienx liebes nuccali fil-hin ta'l-incident.

Illi f'dan ir-rigward l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet. Il-Qorti difficilment taccetta l-verzjoni li, dak il-hin tal-glieda, il-kwerelant ma setax isib in-nuccali (imqar jekk imkisser jew b'xi hsara) fil-post fejn sehh l-incident; in oltre u ma tantx tqis bhala verosimili l-iskuza li ta l-kwerelant u cioe li probabbli hadu xi turist. Aktar minn hekk ghandu jinghad li meta l-kwerelant mar jghamel ir-rapport l-ghassa dak in-nhar ta' l-incident hu ma semma' xejn dwar in-nuccali; kien biss l-ghada li rega' mar l-ghassa biex jirraporta li kellu jaghmel nuccali iehor[1]. Dan kollu jitfa dell fuq il-kredibilita tal-kwerelant.

Illi tenut kont ta' dan, u tenut kont tal-kunflitt lampanti fil-verzjonijiet mghotija dwar id-dinamika ta' l-incident ma jistax jinghad li ngabu provi 'l hemm minn kull dubbju ragonevoli dwar ir-reita ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

[1] Fil-verita mill-provi jirrizulta li minflok nuccali wiehed bifocal l-imputat ghamel tnejn, wiehed ghall-boghod u l-iehor ghall-vicin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------